Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/718

27.6.2025

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/718

tal-14 ta' April 2025

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċidu perfluworoottansulfoniku u tad-derivattivi tiegħu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/1021 jimplimenta l-impenji tal-Unjoni skont il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes ([2]) u skont il-Protokoll għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini u fit-Tul tal-Arja fuq Pollutanti Organiċi Persistenti ([3]).

(2) L-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 fih valuri ta' limitu ta' kontaminant fi traċċi mhux intenzjonat (UTC) għall-aċidu perfluworoottansulfoniku u għad-derivattivi tiegħu (PFOS).

(3) Il-PFOS kien l-ewwel kompost per- u polifluworoalkilat irregolat fl-Unjoni, u l-valuri ta' limitu tal-UTC ġew stabbiliti żmien ilu. Aktar reċentement, grupp simili ta' sustanzi, l-aċidu perfluworoottanojku (PFOA), l-imlieħ tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA, b'użi simili ħafna għall-PFOS, ġie inkluż fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 b'valur ta' limitu tal-UTC ħafna aktar baxx. Dan jindika li livelli aktar baxxi ta' kontaminazzjoni b'dawk is-sustanzi kimiċi huma teknikament fattibbli llum.

(4) Għalhekk jenħtieġ li l-valuri ta' limitu tal-UTC għall-PFOS jiġu rieżaminati, sabiex isiru konformi ma' dawk speċifikati għall-PFOA, l-imlieħ tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA.

(5) Sabiex ikun hemm allinjament sħiħ bejn l-entrati dwar il-PFOS u l-PFOA fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021, jenħtieġ li l-kliem tal-ewwel kolonna tal-entrata dwar il-PFOS jiġi modifikat billi "Aċidu perfluworoottansulfoniku u d-derivattivi tiegħu (PFOS)" jiġi sostitwit b'"Aċidu perfluworoottansulfoniku (PFOS), l-imlieħ tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOS".

(6) L-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 jinkludi eżenzjoni għall-użu tal-PFOS bħala aġent li jrażżan ir-raxx għall-ipplejtjar tal-kromu iebes mhux dekorattiv (VI). L-informazzjoni miġbura fil-livell tal-Istati Membri dwar is-sustanzi li jintużaw bħala aġenti li jrażżnu r-raxx għall-ipplejtjar tal-kromu iebes tikkonferma li l-PFOS ġie sostitwit għal dak l-użu fl-Unjoni. Għalhekk, dik l-eżenzjoni speċifika ma għadhiex meħtieġa u jenħtieġ li titħassar.

(7) L-entrata dwar il-PFOS fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021, fil-punt 5 tagħha, tirreferi għad-disponibbiltà ta' metodi analitiċi. Peress li l-ebda entrata oħra fir-Regolament dwar il-POPs ma tispeċifika tali dettalji, il-punt 5 jenħtieġ li jitħassar.

(8) Jixraq li jingħata perjodu ta' żmien raġonevoli biex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jikkonformaw ma' ċerti elementi ta' dan ir-Regolament u biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom.

(9) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) 2019/1021 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,

([1]) ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1021/oj.
([2]) ĠU L 209, 31.7.2006, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/convention/2006/507/oj.
([3]) ĠU L 81, 19.3.2004, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/prot/2004/259/oj.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punt 2 u l-punt 3 tal-Anness għandhom japplikaw mit-3 ta' Diċembru 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' April 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021, il-Parti A, fit-tabella, l-entrata "Aċidu perfluworoottansulfoniku u d-derivattivi tiegħu (PFOS)" hija emendata kif ġej:

(1) fl-ewwel kolonna, it-test huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Aċidu perfluworoottansulfoniku (PFOS), l-imlieħ tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOS

$C_8F_{17}SO_2X$

(X = OH, Melħ tal-metalli (O-M^+), aloġenur, ammid, u komposti oħra relatati, inklużi l-polimeri)";

(2) fir-raba' kolonna, il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għall-finijiet ta' din l-entrata, il-punt (b) tal-Artikolu 4(1) għandu japplika għall-konċentrazzjonijiet tal-PFOS jew għal kwalunkwe wieħed mill-imlieħ tiegħu ekwivalenti għal 0,025 mg/kg (0,0000025 % skont il-piż) jew inqas, meta jkunu preżenti fis-sustanzi, fit-taħlitiet jew fl-oġġetti";

(3) fir-raba' kolonna, il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għall-finijiet ta' din l-entrata, l-Artikolu 4(1), il-punt (b), għandu japplika għas-somma tal-konċentrazzjonijiet tal-komposti kollha relatati mal-PFOS ekwivalenti għal 1 mg/kg (0,0001 % skont il-piż) jew inqas, meta jkunu preżenti fis-sustanzi, fit-taħlitiet jew fl-oġġetti.";

(4) fir-raba' kolonna, jitħassar il-punt 4;

(5) fir-raba' kolonna, jitħassar il-punt 5.